L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 8 ta' Awissu, 2003

## Vendikazzjoni tal-massa

Kif dejjem sostnejt il-Partit Nazzjonalista ghandu habta kbira kif jivvendika ruhu mil-Laburisti. Din jaghmilha ghal diversi skopijiet l-iktar wiehed ovvju minnhom huwa fejn ibati l-Laburist igawdi n-Nazzjonalist. U donnu jidher car li dak li jkun wassal mexxej politiku biex jasal ghar-raba' legislatura konsekuttiva tieghu fil-Gvern (ghalkemm ir-raba' legislatura b'interruzzjoni ta' Gvern Laburista fin-nofs), jilhaq il-qofol tieghu matul din ir-raba' legislatura.

Fil-fatt kif kien ghamel Dom Mintoff mid-dehra se jaghmel Fenech Adami. Izda l-eqqel ta' Fenech Adami jien pjuttost nistennih fl-infieq ta' flus u fil-'vendikazzjonijiet tal-massa'.

Infieq ta' flus m'ghandi l-ebda dubju li Malta qatt ma kienet f'sitwazzjoni finanzjarja imwieghra iktar minn hekk u fil-vendikazzjonijiet issa bdejna bil-vendikazzjonijiet tal-massa! Il-'genocidji' tal-Gvern prezenti huma psikologici.

Forsi ghadkom ma ndunajtux kif qeghdin jigu affettwati dawn il-vendikazzjonijiet tal-massa. Fil-kaz nghidilkom jien!

Kif kulhadd jaf id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni qal li se jwaqqa' skola. Haga wahda hija certa. Li l-istudenti ta' l-Iskola Adelaide Cini tal-Hamrun jintbaghtu l-iskola hdejhom ta' Maria Assunta mis-sena ddiehla. L-iskuza qieghda tkun li l-iskola m'hijiex f'qaghda tajba. Inzertajt li naf sewwa 'l din l-iskola partikolari u jiena, ghalkemm miniex xi esperta, miniex tal-fehma li kellha xi struttura aghar minn ta' xi skejjel ohrajn.

L-unika raguni valida li jien nista' nara li ntaghzlet proprju din l-iskola halli titwaqqa' huwa l-fatt li l-Gvern Nazzjonalista m'ghandux bizzejjed voti x'jitlef milli jwaqqa' din l-iskola. Fil-fatt l-maggoranza tal-lokalitajiet li minnhom jigu l-istudenti huma lokalitajiet b'maggoranzi Laburisti. Min jaf kieku kienet xi skola minn xi distrett min-naha ta' fuq ta' Malta kinitx titwaqqa?

Li tiehu decizjoni bhal dik li ttiehdet dwar l-Iskola Adelaide Cini, fil-fehma tieghi, m'hijiex hlief vendikazzjoni tal-massa Laburista tal-poplu tan-Nofsinhar ta' Malta. U ma ninsewx lanqas li l-Gvern qed jattakka proprju l-edukazzjoni ta' dawn it-tfal meta l-Iskola Adelaide Cini kienet skola li kisbet wahda mill-ahjar reputazzjonijiet fost l-iskejjel sekondarji ta' Malta kollha.

Izda din m'hijiex l-unika vendikazzjoni tal-massa li qieghda ssir fuq in-nies tan-naha t'isfel ta' Malta. Hemm dik l-ohra aktar popolari – dik tal-mizbliet li se jinfethu qrib is-siti ta' l-Imnajdra u Hagar Qim. S'issa digà ntqal hafna fil-gazzetti dwar l-impatt fuq l-ambjent naturali, fuq is-sahha tan-nies ta' dan l-inhawi, kif ukoll fuq is-siti storici kif ukoll siti ohra li jattiraw turizmu lejn din iz-zona ta' Malta. Li ma ntqalx huwa li dawn in-nies huma wkoll nies li jappoggjaw fil-maggoranza taghhom lill-Partit Laburista u li probabbilment l-interess politiku kien wiehed mill-kunsiderazzjonijiet li ttiehdu biex ittiehdet id-decizjoni! Wiehed jista' jargumenta li ma nistghux nghidu l-istess ghas-sit maghzul fin-Naxxar, izda ta' min wiehed jghid ukoll li, kull ma qed jigi propost in-Naxxar huwa estenzjoni tal-mizbla tal-Maghtab u xejn iktar.

Wiehed jista' jghid li sahansitra anke membri parlamentari Nazzjonalisti qeghdin jaqbzu ghan-nies ta' l-inhawi. Izda lanqas b'dan ma nikkuntenta! Kien hemm min qalli li d-dibattitu haj li ghaddej bejn Ninu Zammit u Jeffrey Pullicino Orlando m'huwiex hlief *gimmick*.

Fil-fatt huwa minnu li probabbilment din hija l-ahhar legislatura ta' Ninu Zammit fil-Parlament, allura, individwalment Ninu Zammit innifsu m'ghandux x'jitlef. Pullicino Orlando ghadu zaghzugh u ghandu futur quddiemu.

Jekk it-taqbida ddur biss madwar Ninu Zammit u mhux madwar il-PN, jitlef Ninu Zammit u ma jitlifx il-Partit Nazzjonalista. U jekk jirbah xi hadd ikun qed jirbah Pullicino Orlando u cioè l-PN. Billi l-elettorat jivvota lil Pullicino Orlando u mhux lil Ninu Zammit mhux se jitlef. Il-PN jitlef biss jekk l-elettorat jivvota lill-Partit Laburista.

U hekk dak li jista' jidher bhala konflitt fil-Partit Nazzjonalista ma jkunx hlief manuvra shiha biex jghatti l-izball kbir li qed jikkommetti l-Gvern Nazzjonalista u kwalunkwe trasferiment ta' voti li jista' jaffettwa jkun minn kandidat ghall-iehor u mhux minn partit ghall-iehor. Jigifieri din il-gwerra qaddisa bejn iz-zewg membri tal-PN hija Kristjana daqs il-krucjati!

U l-vittmi din id-darba huma c-cittadini u cioè l-votanti tan-Nofsinhar ta' Malta li qeghdin jigu mmanipulati sa l-ahhar u ttraduti. Dan kollu wara li thallew fil-ghama ghal zmien twil matul tant zmien li ttiehdu decizjonijiet jikkoncernawhom minghajr ebda konsultazzjonijiet lanqas mal-Kunsilli Lokali li qeghdin jirraprezentawhom.

Kemm fil-kaz tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u d-decizjoni dwar l-Iskola Adelaide Cini kif ukoll fil-kaz tal-ghazla tas-siti ghall-mizbliet il-godda l-Gvern Nazzjonalista mexxa kif drajnieh jimxi – bhal halliel. Issa l-mossa drajnieha, imma tidraha kemm tidraha ftit li xejn tista' tanticipaha. L-ewwel segretezza kbira, tant li lanqas membri parlamentari Nazzjonalisti stess ma jkunu jafu x'inhu ghaddej fil-partit (hekk qeghdin jghidu sakemm mhux jigdbu!) imbaghad tfaqqa' l-bomba meta jkun tard wisq. Il-poplu jew jithalla fil-ghama jew jigi mgieghel jemmen il-kuntrarju ta' li suppost jemmen, imbaghad tigi zvelata l-verità meta l-poplu jkun lahaq ta kunsens tieghu taht impressjoni zbaljata.

Nispera biss li l-poplu tan-Nofinhar ta' Malta jintebah bil-gravità tas-sitwazzjoni u b'dak li qed ikun suggett ghalih li mhix hlief, fil-fehma tieghi, vendikazzjoni tal-massa! Nasal biex niddeskrivi dak li qed jigri b'mod iktar tekniku bhala 'genocidju psikologiku'. Jekk imbaghad irridu niddeskrivu s-sitwazzjoni b'mod iktar romantiku l-gvern hadha f'idejh biex fin-Nofsinhar ta' Malta jara kif jaghmel biex ikattar il-hmieg u l-injoranza!

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lorna@onvol.net